A.L. 129 ta' l-2006

KODIĊI KRIMINALI
(Kap. 9.)

Regoli tal-Qorti ta' l-2006 biex jinżamm il-Bon-Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja (Kodiċi Kriminali)

IL-PRESIDENT ta' Malta approva r-Regoli tal-Qorti li ġejjin magħmula mill-Bord b'setgħa li jagħmel regoli kostitwit taħt l-artikolu 516(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Titolu.

1. Dawn ir-Regoli jistgħu jissejħu Regoli tal-Qorti ta' l-2006 biex jinżamm il-Bon-Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja (Kodiċi Kriminali).

Żamma tal-bon-ordni. Kap. 12.

2. (1) Hadd ma jista', taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili -

(a) ħlief f'dawk il-postijiet li d-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef, jista' jindika għal dak l-iskop, jesponi għall-bejgħ jew ibiegħ kull xorta ta' ikel jew ħwejjeġ oħra fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, jew, ħlief f'dawk il-postijiet kif hekk indikati, jiekol jew jixrob, waħdu jew ma' ħaddieħor, f'dak il-bini; jew

(b) ipejjep fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja f'dawk il-postijiet li għalihom il-pubbliku għandu aċċess, ħlief f'dawk il-postijiet li d-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef, jista' jindika għal dak l-iskop; jew

(ċ) jitkellem jgħajjat fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja b'mod li jiddisturba s-seduti tal-Qrati; jew

(d) iħalli kull mekkaniżmu li jċempel ta' *mobile* jew telefon ċellulari jew ta' xi apparat ieħor simili mixgħul f'awla waqt seduta ta' qorti jew tribunal; jew

(e) iġib fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja xi tifel jew tifla taħt it-tlettax-il sena, ħlief meta dawk it-tfal ikunu msejħa bħala xhieda quddiem qorti jew tribunal ieħor li jżomm is-seduti fl-imsemmi bini, jew dik il-qorti jew dak it-tribunal ikun tal-fehma li l-preżenza ta' dawk it-tfal tkun meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċediment quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal, jew kif jista' jiġi awtorizzat xort'oħra mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef; jew

(f) jidħol fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja mingħajr ma josserva l-proċeduri ta' sigurezza li jkunu fis-seħħ u li jkunu ġew stabbiliti mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati; jew

(g) waqt is-smigħ ta' kawża f'awla jieħu, jew jipprova jieħu, ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun, ħlief meta tali ritratt jew filmat ikun ġie ordnat jew awtorizzat minn qorti jew tribunal bħala parti mill-provi in konnessjoni ma' xi proċediment quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal; jew

(h) jieħu jew jipprova jieħu f'xi parti tal-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun mingħajr il-permess tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u tal-Prim Imħallef.

(2) Meta xi għemil bħalma hu msemmi fis-subregola (1) iseħħ waqt is-smigħ ta' kawża, l-imħallef jew maġistrat li jkun, jew f'każ ta' qorti kollegjalment komposta, il-president ta' dik il-qorti, għandu jipproċedi sommarjament kif provdut fl-artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili wara li jisma' x'għandha xi tgħid il-persuna li lilha jkun attribwit dak l-għemil; u fil-każijiet l-oħra għandha tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-artikolu 68(3) ta' l-imsemmi Kodiċi.

Kap. 12.

Ilbies mhux xieraq.

3. (1) Kull uffiċjal eżekuttiv tal-qorti jista' jżomm milli tidħol fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja persuna li, fil-fehma tiegħu, tkun liebsa mhux xieraq:

Iżda jekk dik il-persuna tkun ġiet imsejħa biex tidher quddiem qorti jew tribunal, l-imsemmi uffiċjal għandu, qabel ma jieħu xi passi, jinforma lill-imħallef, maġistrat jew membru tat-tribunal li quddiemu dik il-persuna tkun ġiet imsejħa tidher u jieħu mingħand dak l-imħallef, maġistrat jew membru tat-tribunal l-istruzzjonijiet ta' kif għandu jimxi.

(2) Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati għandu, minn żmien għal żmien, jinforma lill-pubbliku dwar it-tip ta' lbies li mhux aċċettabbli fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja.